MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 36

It-Tnejn, 19 ta' Ġunju, 2017

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Leanne Abela Grech (LAG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Herman Schiavone (HS) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Michaela Maria Chircop | Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ |
| Membri tal- Pubbliku: | (0) |

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Joseph Cutajar (JC) Sindku

ASSENTI
Nil

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-Viċi Sindku, is-Sur Joseph Baldacchino ippresjeda l-laqgħa.

## 36.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

36.1.1. Il-Viċi Sindku JB informa li kien għadu kif ġie ikkomunikat mis-Sindku JC li ma setax jattendi għal-laqgħa minħabba urġenzi familjari.

36.1.2. Il-Membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija u ħadu l-opportunita' biex jawguraw fejqan ta' malajr.

**NB: Il-Viċi Sindku JB talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jingħata l-awguri lill-Kunsillier HS. Il-Kunsill qabel unanimament.**

Il-Viċi Sindku JB irrimarka illi l-Kunsillier HS ġie elett Membru Parlamentari, u ser ikun qed jieħu l-ġurament tal-ħatra fil-ġranet li ġejjin. F'ismu, f'isem il-membri u l-istaff tal-Kunsill, u f'isem ir-residenti huwa awgura lill-Kunsillier HS tal-kariga l-ġdida.

Il-Kunsillier HS irringrazzja lil dawk preżenti u lil dawk kollha li tawh il-fiduċja tagħhom, kemm sabiex ikun jifforma parti mill-Kunsill, kif ukoll issa li ser ikun qed jifforma parti mill-Parlament. Huwa irrimarka li ser jibqa' jaħdem għal interess komuni.

Il-Viċi Sindku JB u s-Segretarju Eżekuttiv, f'isem il-Kunsill u l-istaff, ippreżentaw *token* t'apprezzament lill-Kunsillier HS.

## 36.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

36.2.1. Il-Viċi Sindku JB ressaq il-minuti tal-ħamsa u tletin (35) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

36.2.1.1. Il-Kunsilliera JBD ressqet mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier HS favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

| | |
|---|---|
| Favur: | 6 (JBD, HS, JB, LAG, SZ, AC) |
| Kontra: | 0 |

36.2.1.2. Il-Viċi Sindku JB għamel referenza għal materja 35.4.3 u informa li sar l-aġġornament minimu fil-pjanta, liema ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa (Anness Dok A1). Il-Kunsill qabel unanimament li jipproċedi bid-disinn propost. Il-Kunsillier SZ issuġġerixxa li ssir iz-

żebgħa ta' mal-art kemm jista' jkun malajr. Il-Kunsill qabel li ssir it-talba lil Transport Malta.

36.2.1.3. Il-Viċi Sindku JB għamel referenza għal materja 35.4.10 u informa li Triq il-Qroll hija 6.7 metri wiesa' minn bankina sa bankina, madankollu l-wiċċ ta' Triq il-Qroll mhuwiex fi stat tajjeb li jiflaħ sinjali tat-traffiku. Il-Kunsill qabel li jsiru linji biss fil-partijiet tat-triq li hija fi stat tajjeb.

36.2.1.4. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal materja 35.2.1.5 li tirrigwarda bust ta' San Ġorġ Preca. Huwa informa li l-Perit tal-Museum qed jistenna lid-*draughtsman* sabiex ilesti l-pjanti. Huwa qal li jekk il-Kunsill jixtieq iħaffef il-proċess, jitqabbad il-perit tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jistenna sabiex ma jidħolx fi spejjeż.

36.2.1.5. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal materja 35.2.1.7 li tirrigwarda xogħlijiet fi Triq il-Qajjenza. Il-Kunsill qabel li tintalab skeda lil Transport Malta tax-xogħlijiet.

**NB: 5.55pm Il-Kunsillier HS talab li jkun skużat**

36.2.1.6. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal materja 35.15.1.1 li tirrigwarda *Joys of Gospel* u staqsa jekk inġabitx informazzjoni dwar ir-raġuni għala l-Kunsill ma ħax fondi.

36.2.1.6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa infurmat li l-attivita' ma ġietx magħzula mill-Bord tal-Għażla.

36.2.1.6.2. Il-Kunsillier SZ staqsa jekk din l-attivita' hux ser issir.

36.2.1.6.3. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-attivita' *Joys of Gospel* tista' ssir biss jekk jinstabu *sponsorships.*

36.2.1.7. Il-Viċi Sindku JB għamel referenza għal materja 35.15.1.2 li tirrigwarda Regatta f'Birżebbuġa, u staqsa min ser jikkordina l-attivita'.

36.2.1.7.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li saret komunikazzjoni mal-Għaqda Regatta u Qdif ieħor, fejn il-President wera l-interess ta' kooperazzjoni, madankollu il-Kunsill irid iressaq talba formali għal konsiderazzjoni tal-Għaqda.

36.2.1.7.2. Il-Viċi Sindku JB issuġġerixxa li jkun hemm kumitat organizzattiv, u li jkun kompost mis-Sindku JC, mill-Kunsillieri JBD, AC SZ u l-Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħazagħ. Il-Kunsill qabel.

36.2.1.8. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal materja 35.4.1 li tirrigwarda vettura li ta' sikwit tkun parkeġġata b'mod li jista jinħoloq periklu, u staqsa jekk kienx hemm żviluppi.

36.2.1.8.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kif mitlub, intalbet l-għajnuna tal-Pulizija sabiex javviċinaw lis-sid.

36.2.1.9. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal materja 35.19.2 li tirrigwarda *railing* fi Triq iż-Żibra u staqsa jekk kienx hemm żviluppi.

36.2.1.9.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ftit tal-ġranet ilu l-applikanta issottomettiet iċ-ċertifikat mitlub, u għaldaqstant ser tiġi sottomessa l-applikazzjoni lil Transport Malta.

36.2.1.10. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal materja 35.10 li tirrigwarda l-Bye-laws, u staqsa f'hiex waslet il-proċess tal-emenda fil-bye-law taż-Żoni Esklussivi tal-Barbeuques.

36.2.1.10.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li qed jistenna tweġiba mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

## 36.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku.

Il-Viċi Sindku JB ressaq il-komunikazzjonijiet preparati mis-Sindku JC.

36.3.1. Il-Viċi Sindku JB informa dwar e-mail riċevuta mil-*lifelong learning* li tirrigwarda korsijiet li ser isiru fis-sena akkademika li jmiss. Il-Kunsill ħa nota.

36.3.2. Il-Viċi Sindku JB informa dwar e-mail riċevuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn fakkru fil-programm "Europe for Citizens" u li l-għeluq tas-sottomissjonijiet huwa f'Settembru 2017.

36.3.2.1. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa fl-applikazzjoni li jmiss, bil-għan li tinsab lokalita' li tassimila ruħha fuq diversi fatturi mal-lokalita' ta' Birżebbuġa.

36.3.3. Il-Viċi Sindku JB informa dwar Ċirkulari 36/2017, riċevuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li tirrigwarda Ġemellaġġ mal-villaġġ ta' Coyet-la-Foret fi Franza. Il-Kunsill innota li mhux interessat jipparteċipa.

36.3.4. Il-Viċi Sindku JB staqsa lill-membri tal-Kunsill jekk xammewx riħa ta' plastik u qatran fil-ġranet li għaddew.

36.3.4.1. Il-Kunsillier SZ qal li qabel l-elezzjoni kien hemm l-impjanti differenti tat-tarmak f'Ħal Far jaħdmu f'daqqa bil-lejl u bi nhar fuq bażi ta' emerġenza.

36.3.4.2. Il-Viċi Sindku JB irrimarka li xi persuni infurmawħ li jista' jkun anke li r-riħa ġiet iġġenerata minn ħruq ta' njam mill-fran tal-ħobż tal-lokalita'.

36.3.5. Il-Viċi Sindku JB informa dwar e-mail riċevuta mill-GreenPAK li tirrigwarda addendum mal-kuntratt iffirmat diġa' u li tirrelata mal-iskart elettroniku.

36.3.5.1. Wara diskussjoni libera il-Kunsill ma qabilx li għandu jiffirma dan il-kuntratt minħabba li ma fiehx dettalji biżżejjed ta x'inhuwa s-sapport li ser ikunu qed joffru.

36.3.6. Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-Bring in-site li tneħħiet minn Triq San Patrizju u qal li b'riżultat ta' din it-tneħħija, żdied ir-rimi ta' skart mormi illegalment fil-madwar.

36.3.6.1. Il-Kunsillier SZ irrimarka li hu ma kienx jaqbel mat-tneħħija tal-bring-in site.

36.3.7. Il-Viċi Sindku JB tkellem dwar l-iskart li qed jinħareg barra l-ħinijiet tal-ġabra.

36.3.7.1. Il-Kunsillier AC irrimarka li ħafna stabbilimenti kummerċjali joħorġu l-iskart bil-lejl, u jibqa' hemm sal-ġurnata tal-ġabra.

36.3.7.2. Il-Kunsill innota li stabbilimenti kummerċjali huma obbligati li jkollhom arranġamenti privati għal ġbir ta' skart, fost kundizzjonijiet oħra.

36.3.7.3. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li tintbagħat talba lill-MTA, bħala regolatur tal-liċenzji, sabiex isiru l-ispezzjonijiet neċessarji.

36.3.8. Il-Viċi Sindku JB informa dwar e-mail riċevuta mis-Sur Noel Damato fejn informa bid-dettalji tal-programm tal-Għanafest. Il-Kunsill innota li m'għandux jassorbi spejjeż relatati ma' din l-attivita'. Il-Kunsill qabel li ssir sejħa għal dawk interessati biex jarmaw xi stands bil-fondi iġġenerati ikunu jistgħu jintużaw sabiex tittella l-attivita' ta' Joys of Gospel.

36.3.9. Il-Viċi Sindku JB fakkar dwar Ċirkulari 9/2017 maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li tirrigwarda Attivitajiet Kulturali. Il-Kunsill ikkonferma l-interess li ssir l-applikazzjoni ta' "Regatta f'Birżebbuga" u jibdel il-format ta' "Joys of Gospel" u jissottometti applikazzjoni differenti.

36.3.10. Il-Viċi Sindku JB għamel referenza għal kontenituri tal-ħwejjeġ, u informa bix-xewqa tas-Sindku JC li jitpoġġew iktar kontenituri, minħabba li dawn qed iħallu riżultat pożittiv. Il-Kunsill qabel li titpoġġa waħda fi Triq Herakles, faċċata ta' Triq il-Ħajja Ewlenija bi prova.

36.3.11. Il-Viċi Sindku JB talab lis-Segretarju Eżekuttiv jagħti informazzjoni dwar il-proġett ta' żvilupp f'Wied il-Buni.

36.3.11.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Erbgħa 15 ta' Ġunju, saret laqgħa mitluba mill-Projects Plus, u l-Freepor. Ġie diskuss modifika fid-disinn propost oriġinali ta' *landscaping*, biex issa sar jinkludi spazju żgħir ta' parkeġġ. Żdied ukoll il-parkeġġ fi Triq San Patrizju, b'hekk ser ikun hemm introduzzjoni ta' madwar 45 spazju ta' parkeġġ, minflok il-parkeġġ preżenti ta' Wied il-Buni. Il-Malta Freeport Corporation offrew li fil-weekends u festi pubbliċi joffru l-ispazju ta' parkeġġ ta' wara għal użu tal-pubbiku, sabiex ipatti għall-ispazju li ser jintilef, bħala miżura temporanja. Kien hemm suġġeriment li bħala soluzzjoni permanenti, jinbena parkeġġ ta' żewġ sulari fl-ispazju fejn fil-preżenti hemm il-parkeġġ tal-Malta Freeports, biswit is-sailing club. Sular jibqa' tal-Malta Freeport Terminals, u sular ikun pubbliku.

36.3.11.2. Il-Kunsill innota li proġetti ta' dan it-tip ikun jinkludi fondi għall-manutenzjoni.

36.3.11.3. Il-Kunsill ma qabilx li jiddeċiedi, sakemm ma jiddiskutix ma' Projects Plus u jkollu f'idejh il-pjanti, bil-membri tal-Kunsill kollha prezenti.

36.3.12. Il-Viċi Sindku JB informa dwar e-mail riċevuta mill-Aġenzija Sapport fejn ġie irrimarkat li qed tinstab diffikulta' sabiex jintlaħaq resident partikolari bil-vann tal-aġenzija, minħabba li t-triq hija dejqa, jkun hemm vetturi parkeġġati fuq żewġ naħat, u l-vann huwa wiesgħa.

36.3.12.1. Wara diskussjoni libera il-Kunsill ma qabilx li għandhom isiru xi modifikazzjonijiet fil-parkeġġi, iżda tista tinbidel ir-rotta tal-vettura.

36.3.13. Il-Viċi Sindku JB informa dwar ilment riċevut fejn qed tintalab li jitwaħħlu mirja fi Triq il-Merżuq faċċata ta' Triq l-Għannejja.

36.3.13.1. Il-Kunsill qabel li, minħabba raġunijiet ta' sigurta' għas-sewwieqa, jitwaħħlu mirja kif hemm bżonn.

36.3.14. Il-Viċi Sindku JB informa dwar talba permezz ta' e-mail, mill-Aġenzija ŻAK, sabiex isir barbeque għall-membri tal-Azzjoni Kattolika u l-familjari tagħhom quddiem is-Sailing Club.

36.3.14.1. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjonijiet tas-soltu.

## 36.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

36.4.1. Il-Kunsillier SZ irrefera għas-sistema ta' *one-way* approvata minn Transport Malta, għal Triq il-Batterija, u qal li fl-opinjoni tiegħu, għadda wisq żmien u għada ma ġietx implimentata.

36.4.1.1. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li din is-sistema għanda tiġi implimentata b'mod immedjat, biż-żmien ta' xahar prova jibda immedjatament mal-implimentazzjoni. Sussegwentament, il-Kunsill jevalwha. Il-Kunsill qabel unanimament.

36.4.2. Il-Kunsilliera JBD staqsiet jekk hemmx tabelli li jindikaw id-direzzjoni tal-latrini pubbliċi ta' Misraħ is-Summit.

36.4.2.1. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li ssir verifika, u jekk ma hemmx, isiru tabelli li jindikaw dan. Il-Kunsill qabel unanimament.

36.4.3. Il-Kunsillier SZ staqsa jekk hemmx xi problema bit-tisqija tal-pjanti u ġonna minħabba li jidher li hawn nuqqas kbir ta' tisqija.

36.4.3.1. Il-Viċi Sindku JB wieġeb li mhux infurmat b'dan, madankollu ser issir komunikazzjoni mal-kuntrattur sabiex jieħu ħsieb jirratifika xi nuqqasijiet.

36.4.4. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal Triq il-Karmnu, u irrimarka li qed ikun hemm ħafna ħmieġ bi skart mitfuħ illegalment, u nuqqas ta' qtugħ ta' ħaxix ħażin.

36.4.4.1. Il-Viċi Sindku JB wieġeb li ser jinforma lis-Sindku JC.

36.4.5. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għar-ramla ż-żgħira tal-Qajjenza, faċċata tal-ex-impjant tal-Gass u staqsa dwar il-possibilta' li jsir *railing* fil-ġenb, sabiex ikun jista' jintuża mill-anzjani.

36.4.5.1. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li ssir talba sabiex isir railing. Il-Kunsill qabel unanimament.

36.4.6. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għan-nuqqas ta’ dawl fi Triq il-Karmnu, bejn id-daħla ta’ wara l-knisja, u l-kantuniera li jkun hemm skart mormi illegalment ta’ sikwit, u staqsa dwar il-possibilta’ li titwaħħal lampa, possibilment fuq arblu.

36.4.6.1. Il-Viċi Sindku JB informa li sakemm hemm il-fondi allokati, il-Kunsill għandu jagħmilha.

36.4.6.2. Il-Kunsill qabel li ssir verifika mal-estimi u jekk hemm il-fondi ssir. Nelfrattemp għandha ssir talba lil Malta Enterprise sabiex possibilment jiffinanzjawha huma.

36.4.7. Il-Viċi Sindku JB ssuġġerixxa li issir bankina u *sleeping policemen* fi Triq tal-Ġebel, meta jkun qed isir ix-xogħol minn Transport Malta.

## 36.5 Rapporti

36.5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq rapport kif mitlub mill-Kunsill, dwar l-istat tar-*retaining wall* f’Dawret il-Qalb Imqaddsa (Anness Dok B1).

36.5.1.1. Il-Kunsill approva unanimament ir-rapport u qabel li jgħaddi t-talba lid-Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet, sabiex issir il-manutenzjoni li hemm bżonn.

36.5.2. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq rapport kif mitlub mill-Kunsill, dwar il-ħsarat fil-wiċċ tat-triq f’Dawret il-Qalb Imqaddsa. (Anness Dok B2)

36.5.2.1. Il-Kunsill approva unanimament ir-rapport u qabel li jsiru t-tiswijiet neċessarji, wara li ssir il-manutenzjoni fir-*retaining wall* kif imsemmi f’minuta 36.5.1, fejn applikabbli.

## 36.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta’ Kumitati u/jew Sottokumitati;

36.6.1. Ma kienx hemm rapporti mressqa.

## 36.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

36.7.1. Il-Viċi Sindku JB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 06/17 li ġiet iċċirkulata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK C1).

36.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera JBD u ssekondata mill-Kunsillier SZ, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur nem con.

36.7.2. Il-Viċi Sindku JB ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-*Petty Cash* għal Mejju bir-riferenza 05/2017 (Anness Dok C2), li ġie ċċirkulat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

36.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier AC u ssekondata mill-Kunsilliera LAG, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 36.8 Mozzjonijiet;

36.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa.

## 36.9 Fondi mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

36.9.1. Il-Viċi Sindku JB informa li kif mitlub fl-aħħar laqgħa, tpoġġiet din il-materja fuq l-aġenda sabiex issir diskussjoni fuq l-użu ta' dan il-fond.

36.9.2. Il-Kunsill iddiskuta l-bandli inklussiv fi Ġnien il-Kunsill, li kien stmat li ser jiswa madwar €50,000 u li l-Ministru Justyne Caruana fil-leġislatura li għaddiet kienet ressqet il-proposta li l-Ministeru jħallsu l-ewwel €20,000

36.9.3. Il-Kunsilliera JBD offriet li terġa' tiftaħ id-diskussjoni mal-Ministeru kkonċernat fuq dan il-proġett.

36.9.4. Wara diskussjoni libera, il-Kunsillier AC ressaq mozzjoni sabiex jitkomplew id-diskussjonijiet biex isir il-bandli inklussiv fi Ġnien il-Kunsill, u jekk ikun il-każ, il-Kunsill iħallas id-differenza ta' €30,000 mill-fondi tal-Awtorita' tal-Ippjanar. Ittieħed vot, bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 36.10 Proġett Skatepark;

36.10.1. Il-Viċi Sindku JB talab lis-Segretarju Eżekuttiv jagħti rendikont.

36.10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li saret laqgħa l-uffiċċju tal-President mal-persuni responsabbli, u l-Aġenzija Żgħażagħ, fejn il-membri ġew infurmati li kienu nstabu l-benefatturi kollha neċessarji sabiex isir il-proġett, u li kienu jinkludi donazzjonijiet varji, kemm ta' flus, materjal, u servizzi, u għaldaqstant jista' jibda ix-xogħol.

36.10.3. Il-Kunsill qabel li jibdew komunikazzjonijiet mal-MTA sabiex il-Kunsill jingħata sapport fir-rigward tal-manutenzjoni tal-proġett la darba ikun lest. Il-Kunsill qabel li fl-istess talba, tintalab assistenza għal manutenzjoni fil-bandlijiet l-oħra, kif ukoll assistenza sabiex jitwettaq il-proġett tal-bandli inklussiv.

## 36.11 Festa tal-Lokal 2017;

36.11.1. Il-Kunsillier SZ spjega proposta ta' sistema tat-traffiku għal żmien il-festa, (Anness DOC C3) u li anke ġie diskuss u maqbul mal-għaqdiet involuti.

36.11.1.1. Il-Kunsill approva l-pjan imressaq.

36.11.2. Il-Kunsill qabel li waqt il-ġimgħa tal-festa, il-prominad issir żona pedonali bħas-soltu, u tingħalaq minn Triq San Mikiel.

36.11.3. Il-Kunsill ikkunsidra il-permessi mitluba mill-Soċjeta' Filarmonika San Pietru Banda Birzebbuga. Il-Kunsill approva.

36.11.4. Il-Kunsill innota li minħabba żviluppi kummerċjali fil-każin tas-Soċjeta' Filarmonika San Pietry Banda Biżebbuga, il-gabbani tal-qubbajt numru 4 u numru 5 hemm bżonn li jiċċaqalqu. Il-Kunsill qabel li dawn jiġu rilokati għal faccata, u b'hekk jibqaw fl-istess pjazza u żona.

**NB: 8.10pm Il-Kunsillier AC talab li jkun skużat**

## 36.12 Drive-in Fi Triq il-Qroll;

36.12.1. Il-Viċi Sindku JB talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħti d-dettalji.

36.12.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li wara li saret riċerka, irriżulta mir-risposti varji li, originarjament, din kienet tifforma minn art tal-Gvern, li ġiet żviluppata u inbiegħet taħt il-Home Ownership Scheme.

36.12.3. Id-Drive-in in kwistjoni ġiet b'riżultat tal-iżvilupp bħala parti minn *internal development* u hija aċċess għal garaxxijiet li ġew mibnija.

36.12.4. Minħabba interpretazzjoni differenti, il-Kunsill ma ddeċidiex fuq ta' min hi r-responsabilta' ta' din id-*drive in*, madankollu issuġġerixxa li jekk ikun il-bżonn, is-sidien jiġu riferuti għall-Awtorita' tad-Djar.

## 36.13 Inizjattiva Finanzjarja – Local Government Community Innovation Fund (CIF);

36.13.1. Il-Viċi Sindku JB fakkar li kif maqbul fil-laqgħa preċedenti, il-Kunsilliera kellhom iressqu ideat.

36.13.1.1. Ma kienx hemm idejat imressqa.

## 36.14 Talbiet għall-danni Sofferti;

36.14.1. Il-Viċi Sindku JB ressaq talba mis-Sur Carmel Grima, għal danni sofferti f'allegat inċident fi Triq iż-Żibra.

36.14.2. Il-Viċi Sindku JB informa li s-Sur Carmel Grima, mingħajr preġudizzju, kien diġa' infurmat mis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jipprovdi numru ta' dettalji sabiex it-talba tkun tista' tiġi evalwata.

36.14.3. Il-Kunsill innota li l-allegat inċident imressaq kien kaġun ta' tappiera tal-Water Services Corporation, u għaldaqstant mhux responsabilta' tal-Kunsill.

36.14.4. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li t-talba imsemmija ma tistax tiġi milqugħa.

## 36.15 Applikazzjonijiet ta' żvilupp

36.15.1. Il-Viċi Sindku JB għamel referenza għall-applikazzjoni PA-03735/17 li tirrigwarda rilokazzjoni ta' *Attendants Area* fil-Bajja s-Sabiħa. Is-Sindku fakkar li kif maqbul permezz ta' korrispondenza, il-Kunsill m'għandux oġġezzjoni ladarba is-sottomissjoni kienet tissodisfa l-kriterji tal-oġġezzjoni li l-istess Kunsill ressaq fil-passat.

36.15.2. Il-Viċi Sindku JB għamel referenza għal applikazjoni PA-03941/17 li tirrigwarda applikazzjoni ta' mwejjed u siġġijiet ta' Tony Muscat. Is-Sindku fakkar li kif maqbul permezz ta' korripondenza, il-Kunsill m'għandux oġġezzjoni.

## 36.16 Attivitajiet fil-pjazza ta' Benghisa;

36.16.1. Il-Viċi Sindku JB tkellem dwar it-talba riċevuta mill-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen Birżebbuġa sabiex issir esibizzjoni ta' karozzi u ikla fil-Pjazza ta Bengħisa.

36.16.2. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjonijiet ġenerali tal-Kunsill.

## 36.17 Attivitajiet fil-Bajja s-Sabiħa;

36.17.1. Il-Viċi Sindku JB tkellem dwar it-talba riċevuta sabiex isir 3X3 Tournament tal-Basketball fil-Basketball Pitch tal-Bajja s-Sabiħa, nhar l-24 u l-25 ta' Ġunju.

36.17.2. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjonijiet ġenerali tal-Kunsill.

## 36.18 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

36.18.1. Il-laqgħa intemmet fit-8.28 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tnejn 24 ta' Lulju 2017 fil-5.30 pm.

Konfermati, illum 24 ta' Lullju, 2017.

| | |
|---|---|
| [Iffirmat] | [Iffirmat] |
| Joseph Cutajar<br>Sindku | Svetlick Flores<br>Segretarju Eżekuttiv |